# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru 1258/18 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Cynthia Portelli (gia Galea) (ID 5285G) fil-kwalita' taghha bhala mandatrici specjali tas-socjeta' estera Luisa Spagnoli S.p.A., soċjetà reġistrata fl-Italia (Nru ta' reġistrazzjoni 02742760545, R.E.A PG N 238003)**

**Vs**

**P.W.A Co. Limited soċjetà reġistrata f'Malta (C-40757)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Dicembru 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-avukat rikorrenti ingħatat prokura specjali datata t-28 ta' Gunju 2018 mingħand Luisa Spagnoli S.p.A. li ghanda s-sede taghha Strada Santa Lucia No.71, 06125, Perugia, L-Italia, u li ggib in-numru tar-registrazzjoni 02742760545, R.E.A PG N 238003, sabiex tidher bhala mandatrici specjali ghall-istess socjeta' f'dawn il-proceduri, kopja ta' liema prokura giet annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Illi dan huwa rikors ai termini tar-Regolament Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja, mahrug fit-22 ta' Dicembru 2000, kif emendat u applikabbli f'Malta ("ir-Regolament");*

3. *IIli kif ser jintwera f'dan ir-rikors, ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 ma japplikax ghal dan il-kaz;*

4. *Illi permezz ta' sentenza tal-24 ta' Settembru 2012 (u publikata fl-25 ta Settembru 2012) moghtija mit- 'Tribunale Civile Di Milano' f ismijiet 'Luisa Spagnoli Sp.A vs PWA co. Ltd' (ngunzjoni Nru 33955/12 (r.g.n, 50537/12)) s-socjeta' intimata giet ikkundannata illi tħallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u mija u erbgha u erbghin Euro (€26,144) bhala sorte, oltre l-interessi legali mid-data li fiha suppost li s-socjeta' intimata ħallset lis-socjeta' rikorrenti sad-data tal-hlas effettiv; u inoltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji u legali ammontanti ghal elf mitjen u tletin Euro (€1,230) kif ukoll mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) ghal spejjez ohra li saru jew li ghad irid isiru fil-futur - u dana skond ma jirrizulta mill-kopja awtentikata tas-sentenza in kwistjoni fil-lingwa Taljana annessa u mmarkata bhala Dok.B, flimkien ma' traduzzjoni awtentikata ta' din is-sentenza bil-lingwa Maltija mmarkata bhala Dok.C.*

5. *Illi r-rikorrenti nomine qed tipprezenta wkoll ic-certifikat ai termini tal-artikolu 54 u l-artikolu 58 tar-Regolament (anness u mmarkat bhala Dok.D) fir-rigward is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2012;*

6. *Illi ai termini tal-artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, ir-Regolament 44/2001 ghandu jkompli japplika, inter alia, ghal sentenzi moghtija fi procedimenti legali istitwiti qabel l-10 ta' Jannar 2015;*

7. *Illi s-sentenza fuq citata hija ezegwibbli fl-Italja;*

8. *Illi r-rikorrenti nomine ghandha interess li tezegwixxi s-sentenza fuq citata kontra s-socjeta' intimata, illi hija registrata u topera minn Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijet suesposti, ir-rikorrenti nomine titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikkjara ezegwibbli, u konsegwentement tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata sabiex ir-rikorrenti nomine tkun tista' tezigi l-hlas fl-ammonti total ta' sebgha u ghoxrin elf u sitt mija u sebgha Euro (€27,607) in kwantu ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, mija u erbgħa u erbgħin Euro (€26,144) bhala sorte, spejjez gudizzjarji ammontanti ghal elf mitejn u tletin Euro (€1,230) kif ukoll mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) għal spejjez ohra*

*li saru jew li ghad irid isiru fil-futur u bl-interessi legali mid-data li fiha suppost li s-socjeta' intimata ħallset lis-socjeta' rikorrenti sad-data tal-hlas effettiv u dan kif dedott fis-sentenza fuq citata (Dok.B u Dok.C);*

*2. Bl-ispejjez ta' dina l-procedura kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dina l-kawza kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-31 ta' Jannar 2019, is-socjeta' intimata P.W.A. Co. Ltd ġiet notifikata fl-indirizz ta' Walter Montebello fejn l-atti ingħataw lill-istess Walter Montebello (fol 30).

3. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2019 gew ipprezentati dokumentazzjoni maħruga mir-Registrar of Companies fejn jirrizulta illi Walter Montebello, ID 335553(M) huwa Direttur, Azzjonist, Rappresentant Legali u Segretarju tal-kumpanija P.W.A Co. Ltd, li għandha l-indirizz tal-uffiċċju tagħha dak ta' l-istess Walter Montebello, ossija 48, L-Aronkli, Michelangeo Cagiano Street, The Village, San Giljan.

4. Rat ir-Regolament (UE) Nru 44/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Dicembru 2001 illi tipprovdi ghar-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi moghtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea gewwa Malta.

5. Rat ic-certifikat maħrug mit-Tribunal Di Milano gewwa l-Italia mahrug a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament 40/2001 (fol 24).

6. Rat illi, abbazi tal-Artikolu 33 (1) tar-Regolament 44/2001, sentenza moghtija minn Membru Stat għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra, inkluż Malta, u ma jezistux il-presupposti stabbiliti fl-Artikolu 34 tar-Regolament sabiex tali sentenza ma tiġix eżegwita.

7. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 41 tar-Regolament fuq imsemmi, ladarba l-formalitajiet pprovduti fl-Artikolu 53 huma sodisfatti, is-sentenza għandha tiġi minnufih dikjarata bhala eżegwibbli mingħajr reviżjonijiet ulterjuri;

8. Tiddikjara li l-proceduri odjerni w d-dokumentazzjoni esebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

9. In vista ta’ dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprovat l-kaz tagħha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha processwali,

**Tilqa’** t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* kif dedotti;

**Tiddikjara** li qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2012 (u pubblikata fl-25 ta’ Settembru 2012) moghtija mit- 'Tribunale Civile Di Milano' fl-ismijiet '***Luisa Spagnoli Sp.A vs PWA Co. Ltd***' (Ingunzjoni Nru 33955/12 ( r.g.n. 50537/12))

**Tiddikjara** li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti fejn ordnat is-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont totali ta' sebgha u ghoxrin elf u sitt mija u sebgha Euro (€27,607) in kwantu ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, mija u erbgħa u erbgħin Euro (€26,144) bhala sorte, spejjez gudizzjarji ammontanti ghal elf mitejn u tletin Euro (€1,230) kif ukoll mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) għal spejjez ohra li saru jew li ghad irid isiru fil-futur u bl-interessi legali mid-data li fiha suppost li s-socjeta' intimata ħallset lis-socjeta' rikorrenti sad-data tal-hlas effettiv hi enforzabbli u ezegwibbli f’Malta ai termini tar-Regolamenti 44/2001 tal-Unjoni Ewropea;

**Bl-ispejjez** kif mitluba kontra s-socjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**